MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2174/2000/1

**Giovanni u Dolores Mirabella.**

**-vs-**

**(1) Colin Bartolo : I.D. Nru 446880(M);**

**(2) Francis sive Frank u Mary konjugi Bartolo : I.D. Nru 950850(M);**

**(3) Gasan Mamo Insurance Agency Limited, f'isimha propju u kif surrogata in rapprezentanza tas-Socjeta' Assiguratrici estera pertinenti ghal dan il-kaz;**

**(4) Allcare Insurance Agency Limited, f'isimha propju u kif surrogata in rapprezentanza tas-Socjeta' Assiguratrici estera pertinenti ghal dan il-kaz.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

1. Illi fl-ewwel lok issir referenza ghal CLAIM NO. : MOO 3166 mas-Socjeta' konvenuta Gasan Mamo Insurance Agency Limited.

2. Illi l-konvenut Colin Bartolo I.D. Nru 446880(M) fil-mument tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni li sehh nhar is-Sibt, disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, tas-sena kurrenti (2000), hames minuti wara nofs il-lejl (00:05am), meta l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LAN 586, tal-ghamla AUSTIN, ma kienx kopert b'Polza ta' Assigurazzjoni apparti mill-fatt illi kien unikament risponsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

3. Illi ghandha issir referenza ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni li jgib in-Numru Ref : 61N/ 403/2000 mal-Allcare Insurance Agency Limited, l-assiguraturi tal-atturi in kwistjoni, kif jirrizulta mill-anness dokument Dokument DM 1, li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn (2000)/

4. Illi, ghaldaqstant, is-Socjetajiet Assiguratrici involuti huma Gasan Mamo Agency Limited, *de proprio et nomine* ghal-konvenuti Frank u Mary konjugi Bartolo; kif ukoll l-Allcare Insurance Agency Limited, *de proprio et nomine*, ghall-atturi konjugi Mirabella.

5. Ukoll illi l-vettura tal-ghamla SIMCA, mudell MATRA, propjeta' tal-atturi, u li kienet involuta fl-incident

awtomobilistiku in kwistjoni fejn giet iddikjarata '*total loss*' giet mibjugha ghall-prezz ta' erba' mitt lira Maltin (Lm 400) lill-konjugi ANTHONY u JOSEPHINE CASSAR, kif kienet u '*tale quale*' u dana sehh nhar it-Tlieta, disgha (9) ta' Mejju, tas-sena elfejn (2000) a bazi ta' kopja fotostatika tad-dokument originali u dana l-Bejgh u li jgib id-data ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2000, hawn indikat u mehmuz mal-Elenku ta' Dokumenti bhala Dokument DM 2.

6. Illi ghandha issir referenza ghall-Ittra Gudizzjarja pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-Tnejn, sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000) mibghuta lil hames (5) intimati, erbgha (4) minnhom il-konvenuti odjerni, liema hames intimati kollha gew debitament notifikati kif jirrizulta minn kopja fotostatika tar-referti pozittivi, mehmuza ma' l-Elenku ta' Dokumenti u indikata bhala Dokument DM 3.

7. Illi, ghaldaqstant, ghandha issir referenza ghall-Ittra Gudizzjarja tas-27 ta' Marzu, 2000, u ghal kontenut kollu li fiha, konstistenti f'hames (5) pagni u hdax-il (11) paragrafu, u li b'konsegwenza taghha l-intimat Kummissarju tal-Pulizija inizja proceduri kriminali kontra l-konvenut Bartolo Colin, li fil-mument tal-intavolar ta' dina c-Citazzjoni odjerna dawn il-proceduri kriminali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D, kawza differita ghal nhar it-Tlieta, sbatax (17) ta' Ottubru, tas-sena elfejn (2000).

8. Illi n-Numru tal-File tal-Pulizija rigwardanti dan il-kaz huwa P. 1277/2000, b'dokument li jgib id-data tal-hamsa (5) ta' Gunju, tas-sena elfejn (2000).

9. Illi premess ukoll li l-proceduri kriminali ittiehdu kontra l-konvenuti l-ohra Frank u Mary konjugi Bartolo.

10. Illi fit-tnax (12) ta’ April, tas-sena elfejn (2000), l-intimat
Kummissarju tal-Pulizija kien baghat Ittra Gudizzjarja lill-konjugi Mirabella, l-atturi, kif jirrizulta mill-anness dokument hawn indikat bhala Dokument DM 4 fl-Elenku ta’ Dokumenti.

11. Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghad-danni u ghal-likwidazzjoni taghhom kagun ta’ incident awtomobilistiku li sehh nhar is-Sibt, 29 ta’ Jannar, 2000, hames minuti wara nofs il-lejl (00:05am), u li ghalih kien unikament risponsabbli l-konvenut ghazeb u mhux assigurat u anqas licenzjat biex isuq BARTOLO COLIN li ghandu n-Numru tal-Karta tal-Identita’ 446880(M).

12. Illi l-incident awtomobilistiku sehh fi Triq il-Kullegg l-Antik gewwa San Giljan u l-Ufficjal tal-Pulizija inkarigat mir-rapport kien PS 547 Martin Agius, Divizjoni : N.

13. Illi l-vettura tal-atturi kienet tal-ghamla SIMCA, mudell MATRA, tip Sports u l-Polza tas-Sigurta’ mal-Allcare Insurance Agency Limited iggib in-numru PC/00035 valida sal-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000), vettura ta’ kulur ahmar bin-Numru tar-Registrazzjoni LAC 628, liema Allcare Insurance Agency qeghda tigi ukoll debitament indikata bhala wahda mill-konvenuti f’din ic-Citazzjoni odjerna, ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt.

14. Illi l-atturi sofrew hsarat irreparabbli fil-vettura taghhom, hsarat li biex jissewwew fissru ammonti ta’ madwar elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm 2500) u li l-valur tas-suq attwali tal-vettura (li ma tistax tintuza llum) huwa ta’

madwar tmien mitt lira Maltin (Lm 800), apparti spejjez ohra li setghu kienu mehtiega u dan skond l-istima ta' John Callus – Motor Car Insurance Surveyor ta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited, li qeghda ukoll tigi indikata bhala konvenuta ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt, u MINGHAJR PREGUDIZZJU ghad-drittijiet kollha tal-atturi konjugi MIRABELLA.

15. Illi hawn issir referenza ghad-Dokument DM 5 li jgib id-data tad-disgha (9) ta' Frar, tas-sena kurrenti (2000), li huwa *Survey Report* maghmul minn John Callus u skond id-dettalji li jindika l-istess dokument.

16. Illi mill-iskittz tal-Pulizija (ir-rapport tal-Pulizija li jgib ir-referenza tad-Distrett Numru : 6, Divizjoni : N, u Referenza Numru 6/N/403/2000) ma hemm lanqas farka dubju li t-tort tal-incident awtomobilistiku kien tas-sewwieq tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN 586, tal-ghamla AUSTIN, mudell METRO, tip Saloon, u li ghandha l-Polza tal-Assigurazzjoni bin-Numru 04115502LAN586 assigurata mal-konvenut Gasan Mamo Insurance Agency, u f'isem il-konvenut Francis Bartolo.

17. Illi l-konvenut iben il-konjugi konvenuti Bartolo ossia Colin Bartolo kien fil-mument tal-incident qed isuq il-vettura u stante li dana ghalaq hamsa u ghoxrin (25) sena fit-tlettax (13) ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000), jirrizulta car li fil-mument tal-incident lanqas biss kien kopert b'polza tas-sigurta' u allura dan ikompli jzid mar-risponsabbilita' tal-konvenuti konjugi Bartolo u ta' binhom Colin Cartolo u ghal dan l-iskop kien gie mgharraf u notifikat ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, kif fuq imfisser.

18. Illi jrid jigi osservat li l-iskittz tal-Pulizija huwa relattivament vag u b'rispett lejn kulhadd huwa importantissimu li rapport ta' incidenti bhal dawn ikunu iktar precizi u ezatti l-ghaliex il-hsara attwali li sofrew l-atturi ma tidhirx infissra fuq l-iskittz.

19. Illi qeghda issir referenza ghal dokument hawn anness u indikat bhala Dokument DM 6 li huwa dokument li fih hames (5) faccati u jkopru rapporti dwar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, deskrizzjoni tal-incident mis-sewwieqa involuti u kopja tal-iskittz, li ghalih gia' saret referenza aktar 'il fuq.

20. Illi fid-dawl ta' dawn i-cirkustanzi, l-atturi qed jitolbu biex immedjatament jithallsu mill-konvenuti Bartolo l-ammont tad-danni kollha illi soffrew, li dwarhom issir elaborazzjoni fil-mori tal-kawza, kif ukoll kwalsiasi forma ta' spejjez, Gudizzjaraji u/jew Extra-Gudizzjarji li huma soffrew b'rizultat tal-incident in kwistjoni, kif ukoll fuq id-drittijiet kollha li gew kostretti illi jhallsu intortament, kopranti l-imghaxxijiet fuq l-ammonti involuti u li huma diga' hallsu.

21. Illi nonostante li l-konvenuti kollha gew notifikati b'dawn il-fatti kif brevement hawn fuq indikati, il-konvenuti kollha baqghu inadempjenti, u ghalhekk fic-cirkustanzi l-atturi ma kellhomx ebda triq ohra ghajr illi jintavolaw din ic-Citazzjoni odjerna.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Illi l-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar, 2000, fil-00:05am. Bejn il-vetturi SIMCA, mudell MATRA, tip Sports u l-Polza tas-Sigurta' mal-Allcare Insurance Agency Limited iggib in-Numru

PC/00035, ta’ kulur ahmar, bin-Numru tar-Registrazzjoni LAC 628, propjeta’ tal-atturi konjugi MIRABELLA u il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN 586, tal-ghamla AUSTIN, mudell METRO, tip Saloon, u li ghandha l-Polza tal-Assigurazzjoni bin-Numru 04115502LAN586 assigurata mal-konvenut Gasan Mamo Insurance Limited, f’isem il-konvenut Francis Bartolo, kien tort uniku tas-sewwieq konvenut COLIN BARTOLO, li jigi iben il-konvenuti BARTOLO, u li l-imsemmi sewwieq la kien kopert b’polza ta’ sigurta’ u lanqas ma kien illicenzjat biex isuq.

2. Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni li sehh fi Triq il-Kulleg l-Antik gewwa San Giljan kien ukoll risponsabbilita’ unika tal-konvenuti konjugi Bartolo li kien imisshom raw li l-vettura propjeta’ taghhom ma tigix uzata jew utilizzata ghall-objettivi abbuzivi kif sehh fil-kaz odjern, u illi ghaldaqstant l-imsemmija konvenuti konjugi Bartolo ghandhom ukoll jigu meqjusa bhala ko-risponsabbli flimkien ma’ binhom ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

3. L-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh b’tort tal-konvenut Colin Bartolo kif ukoll tal-konvenuti konjugi Bartolo b’rizultat ta’ nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, negligenza u traskuragni, apparti mill-ksur flagranti tal-Ligijiet li jirregolaw is-sewqan u t-traffiku f’pajjizna, kif jigi ippruvat fil-mori ta’ din il-kawza.

4. B’rizultat tal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u fuq deskritt, anke a bazi tad-dokumenti esebiti fl-Elenku ta’ Dokumenti ma’ din il-kawza odjerna, u dokumenti ohra li setghu gew esebiti ulterjorment fil-mori ta’ din il-kawza, l-atturi soffrew hsarat hwazi irreparabbli ghall-

vettura taghhom b'mod illi dina giet iddikjarata prattikament '*scrap value*', ghal liema danni sofferti mill-atturi, il-konvenuti kollha jew min minnhom, ghandhom jikkonpensaw u jirrimborzaw wara d-debita likwidazzjoni, dana l-ammont ta' danni lill-atturi odjerni.

5. Ghandu jigi nominat Espert u Perit Tekniku biex minbarra li jisma' l-provi, jifli d-dettalji teknici dwar il-habta u d-danni ikkagunati fil-vettura tal-atturi, liema Perit Tekniku jew Perit Legali nominat minn dina l-Onorabbli Qorti ghandu jillikwida dawna d-danni kif likwidati u sofferti mill-atturi.

6. Il-konvenuti jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma kollha li tirrizulta mill-provi kollha prodotti, u fejn ghandu jinghata zmien fiss, qasir u perentorju dwar kif ghandhom jithallsu dawn id-danni u minn min, lill-atturi odjerni.

7. Ghandhom jithallsu l-imghaxxijiet kollha dovuti lll-atturi sal-pagament effettiv u fuq is-somma kollha kif likwidata u kif tirrizulta fil-mori ta' din il-kawza odjerna.

8. Ghandhom jigu mahtura Kuraturi Deputati jekk il-Qorti jidhirilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti jew min minnhom, u dana sabiex ma jintilifx hin prezzjuz u biex l-atturi ma jibqghux jigu ippregudikati fl-interessi taghhom.

9. Fl-eventwali ta' kontumacja, il-Kuraturi Deputati ghandhom ikollhom il-fakultajiet kollha skond il-Ligi, biex il-proceduri jibqghu mexjin minghajr tfixkil, ghall-interess objettiv tat-talba precedenti.

10. L-atturi m'ghandhomx ibaghtu ebda forma ta' spejjez, la Gudizzjarji u lanqas Extra-Gudizzjarji, li ghandhom jigu imposti fuq il-konvenuti jew min minnhom, skond kif jirrizulta lill-Qorti a bazi tal-provi imresqa.

BL-ISPEJJEZ KOLLHA Gudizzjarji u Extra-Gudizzjarji, kontra l-konvenuti kollha jew min minnhom, li minn issa l-konvenuti kollha huma u jigu ingunti IN SUBIZZJONI.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturI mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited eccepixxiet:

1. Illi hija m'hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante li trattandosi ta' azzjoni 'ex delictu' il-kawza kellha ssir biss kontra min effettivament ikkawza d-danni lill-atturi u cioe' s-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAN 586, Colin Bartolo, u mhux kontra s-socjeta' assikuratrici li harget polza fuq il-vettura misjuqa minnu, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfronti tas-socjeta' eccipjenti bl-ispejjes kontra l-atturi;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, min isofri danni f'incident awtomobilistiku jinghata l-fakulta' li jipprezenta ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tas-sewwieq li jkun ikkawzalu d-danni sabiex jinfurmaha li prezenta kawza kontra l-assikurat taghha u din l-ittra ufficjali tintitolah jesegwixxi s-sentenza li jottjeni anki kontra l-istess assikurazzjoni u ghalhekk is-socjeta' eccipkenti giet citata inutilment fil-kawza odjerna u m'ghandhiex tbati spejjes.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, Colin Bartolo ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni ghall-incident mertu tal-kawza stante illi l-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' eccipjenti kienet tkopri biss 'Any driver over 25' u Colin Bartolo kellu erbgha u ghoxrin sena (24) fid-data tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni u in vista tal-fatt li s-socjeta' eccipjenti debitament infurmat lill-attur b'dan permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju, 2000, hija m'ghandhiex tbati l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Hugh Zammit, I.D 126346(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-27 ta' Settembru, 2002.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fl-14 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha l-konvenut Francis sive Frank Bartolo eccepixxa:

1. Illi, l-eccipjent ma huwa bl-ebda mod responsabbli versu l-atturi ghal kwalsiasi danni illi huma setghu sofrew mill-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Jannar 2002.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Jannar 2002 sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-atturi.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, id-danni reklamati huma esagerati.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez tat-talbiet numri hamsa sa ghaxra (5 – 10) stante illi dawn gew impostati inutilment u ghalhekk f'kull evenjenza l-ispejjez fir-rigward ta' l-imsemmija talbiet hamsa sa ghaxra (5 – 10) ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut Colin Bartolo u s-socjeta' konvenuta Allcare Insurance Agency ma ppresentawx nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2004 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw illi ma kienx baqghalhom provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwelnett trid tigi kunsidrata l-eccezzjoni tas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut Bartolo u cioe' Gasan Mamo Insurance Agency illi qed tghid li ma kellhiex ghalfejn tigi citata ghaliex il-kawza kellha ssir kontra l-persuna li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni meta sehh l-incident. Certament mhux solitu li dan isir ghaliex l-attur f'kawza simili solitament jiccita appuntu s-sewwieq u jinnotifika gudizzjarjament lid-ditta assikuratrici fejn javzaha li tkun saret il-kawza u b'din il-procedura jassikura ruhu li l-istess ditta jkollha thallas id-danni fl-eventwalita' li l-assikurat taghha jinstab responsabbli ghall incident in kwistjoni.

Il-Qorti taqbel ma' l-eccezzjoni illi ssollevat id-ditta in kwistjoni u anke ma tistax tifhem ghaliex giet citata ukoll id-ditta assikuratrici tal-attur. Fil-fatt din tal-ahhar baqghet kontumaci izda certament ma tistax tigi ikkundannata. Ghalhekk dawn iz-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-kawza saret kemm kontra s-sewwieq u kemm kontra s-sid tal-vettura misjuqa. Infatti l-konvenut Frank Bartolo eccepixxa li ma hux responsabbli ghad-danni illi setghu sofrew l-atturi fl-incident in kwistjoni. Eccepixxa ukoll li dan gara tort tal-attur.

Dwar ir-responsabbilita’ pero’ ma hemm ebda dubbju li din ghandha tigi akkollata mill-konvenut Colin Bartolo. Ezami tal-iskizz tindika car, minghajr bzonn ta’ konferma ulterjuri, illi Bartolo qabez in-nofs tat-triq u baqa’ diehel frontalment fil-vettura misjuqa mill-attur li kien qed isuq strettament fuq il-karregjata tieghu.

L-atturi ccitaw ukoll is-sid tal-vettura ghaliex kif jidher mill-atti processwali, dan ippermetta l-konvenut isuq il-vettura meta ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta’, kif anke gie konfermat mis-
sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta’ April, 2002 (Fol 148). Allura, f’kaz li minhabba f’dan id-ditta assikuratrici ma thallasx, iridu jkollhom id-dritt li jithallsu minghandu. Il-Qorti tirrileva li skond l-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili tigi applikata s-solidarjeta’ bejn id-debituri meta dawn ikunu agixxew dolozament. Ghalkemm l-azzjoni attrici tirreferi ghall-hsara kagunata mill-incident stradali, billi l-konvenut Frank Bartolo ukoll ikkometta reat meta halla lill ibnu jsuq il-vettura minghajr polza tas-sigurta’, hu ukoll ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hsara solidalment mas-sewwieq.

Jibqa’ li jigi deciz l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi. Ma hemmx kontestazzjoni li l-vettura giet dannegjata *beyond economic repair.* Skond *surveyor* inkarigat mid-ditta assikuratrici tal-konvenut, il-vettura kienet tiswa’ l-iktar tmien mitt Lira Maltin (Lm800) (ghalkemm il-valur ta’ qabel l-incident kien ta’ tlett mitt Lira Maltin [Lm300]) – Fol 193. Dan meta biex tissewwa kien hemm spiza ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000). L-atturi da parti taghhom esebew dokument (Fol 175) li huma nizzlu minn fuq *web site* appozita li ndikat vettura bhal dik li kellhom huma tiswa’ hamest elef u tmien mitt Euros (5,800 Euros), ghalhekk elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

F'cirkostanzi simili, hu difficli li wiehed jasal bi precizjoni ghal valur gust ghaliex fil-waqt li d-danni ghandhom ikunu reali u jirrispekkjaw it-telf li jkun garrab l-attur wiehed jifhem id-dwejjaq li jghaddi minnu min ikollu vettura tajba u li tkun qed taqdih sew u f'daqqa wahda jispicca minghajrha. Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida l-ammont pagabbli *arbitrio boni viri* u tiffissa dan l-ammont ghas-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200).

Ghandu ragun jilmenta l-konvenut Frank Bartolo fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghan-numru kbir ta' talbiet li ghamlu l-atturi li uhud minnhom huma zejda ghall ahhar.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Gasanmamo Insurance Agency Limited u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju, tillibera ukoll mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' konvenuta Allcare Insurance Agency Limited; tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenut Frank Bartolo u tichad l-ahhar erba' talbiet (7 sa 10) tal-atturi billi ma huma ta' ebda siwi; tichad pero' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Frank Bartolo u fil-kontumacja tal-konvenut l-iehor Colin Bartolo, tilqa' l-ewwel erba' talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Colin Bartolo responsabbli ghall incident in kwistjoni;**

**2. Tiddikjara li l-konvenut l-iehor Frank Bartolo ko-responsabbli ghall-incident solidalment;**

**3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi gia' ipprovdiet fl-ewwel zewg talbiet;**

**4. Tilqa' r-raba' talba;**

**5. Tichad il-hames talba billi ma kienx hemm lokha;**

**6. Tilqa’ s-sitt talba u tikkundanna lill-konvenuti Colin Bartolo u Frank Bartolo jhallsu lill-atturi s-somma ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200).**

**L-ispejjes tas-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu sapportati mill-atturi; il-bqija ghandhom jithallsu mill-konvenuti Frank Bartolo u Colin Bartolo solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------